Co-funded by the European Union

youthIES

# TRAINING PACK FOR YOUTH WORKERS - CASE STUDIES







friends of the earth malta

iED

Education Agency for Development and Innovation IDEA

SOCIAL ENTERPRISES

youthIES

Co-funded by the European Union

# Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ – STUDJI TA' KAŻIJIET TA' PERSUNI LI JAĦDMU MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

**WERREJ**


**L-1 STUDJU TA' KAŻ – *"Nature And Social Permaculture Learning for Youth (NASPLY)"*** .......2
QAFAS ĠENERALI / DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA ..........2
ATTIVITAJIET ..........2
IMPATT ..........2
**IT-2 STUDJU TA' KAŻ – *"Youth Engagement & Activism Hub (YEAH!)"*** ..........4
QAFAS ĠENERALI / DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA ..........4
ATTIVITAJIET ..........4
IMPATT ..........4
**IT-3 Studju ta' Każ – *"Be Active: Be Sustainable Malta"*** ..........6
QAFAS ĠENERALI / DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA ..........6
ATTIVITAJIET ..........6
IMPATT ..........6
**REFERENZI** ..........7


friends of the earth malta · iED · RESET · réseau tandem plus · Education Agency for Development and Innovation IDEA · SOCIAL ENTERPRISES

entrepreneurship

## L-1 STUDJU TA' KAŻ – *"Nature And Social Permaculture Learning for Youth (NASPLY)"*

QAFAS ĠENERALI / DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA

NASPLY tiffoka fuq il-bini ta' komunitajiet reżiljenti, speċjalment ta' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet. F'ħafna każijiet, l-esklużjoni soċjali u l-marġinalizzazzjoni huma intersezzjonali fejn koorti ta' żgħażagħ jesperjenzaw diskriminazzjoni akuta jew nuqqas t'opportunitajiet, kaġun tal-ġeneru, etniċità, diżabbiltà, abbiltà intellettwali jew minħabba l-isfond soċjo-ekonomiku tagħhom. Dawn in-nies iħossuhom inqas moqdija fis-sistemi edukattivi formali, li jistgħu jwasslu lil dawn iż-żgħażagħ biex iħossuhom aljenati u mhux interessati fl-edukazzjoni. F'Malta, in-numru ta' dawk li jitilqu mill-iskola kmieni huwa fost l-ogħla fl-Ewropa.

ATTIVITAJIET

Il-proġett NASPLY huwa sħubija ta' koperazzjoni bl-għan li taffaċċja l-kriżi ambjentali u klimatika, iżżid l-inklużjoni soċjali, iżżid il-ħiliet tal-ħajja taż-żgħażagħ marġinalizzati, u ttejjeb l-benesseri permezz tal-approċċ ta' permakultura olistika li tiffoka fuq il-bini ta' reżiljenza fil-komunitajiet, u għaldaqstant tkun hemm biex isservi l-bżonnijiet taż-żgħażagħ. Huma jużaw il-permakultura tas-soċjetà u tan-natura bħala teorija tat-tagħlim. Il-permakultura soċjali tiffoka fuq prinċipji ta' disinn ta' permakultura, u testrapola fuq livell soċjali, i.e. timmira biex toħloq komunitajiet reżiljenti fejn in-nies jifhmu l-valur tagħhom fis-soċjetà, x'inhu l-irwol tagħhom biex juru dawn, u kif jistgħu jitgħallmu min-natura biex ikollhom ekosistema soċjali b'saħħitha. Dan il-proġett jindirizza l-ambjent, l-integrazzjoni soċjali, il-ħiliet diġitali, l-ippjanar finanzjarju, u l-intraprenditorija ħadra, u, fuq kollox, solidarjetà u kura għal oħrajn—u dan kollu f'proġett wieħed komprensiv.

IMPATT

Dan il-proġett jimmira li jiżviluppa kors ta' taħriġ fuq il-permakultura soċjali għal persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u edukaturi, kif ukoll biex joħloq toolkit għal persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u ż-żgħażagħ b'mod ġenerali biex jibnu netwerks ta' permakultura soċjali u ġonna ta' permakultura b'fok fuq in-natura bħala terapija bħala spazju inklussivi għall-benesseri li jġibu l-komunità flimkien. NASPLY taħdem biex iżżid il-kompetenzi u l-ħiliet fost l-aktar żgħażagħ żvantaġġati permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm tal-Permakultura, u fuq il-fehim tal-ekonomija u l-iżvilupp ta' ħiliet ta' intraprenditorija ħadra fost iż-żgħażagħ.

RITRATTI



youthIES

## IT-2 STUDJU TA' KAŻ – *"Youth Engagement & Activism Hub (YEAH!)"*

Co-funded by the European Union

QAFAS ĠENERALI / DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA

Dan il-proġett hu mmirat li jipprovdi pjattaforma għal involviment taż-żgħażagħ aktar inklussivament demokratiku u ċiviku fit-teħid tad-deċiżjonijiet billi joħloq struttura sabiex jinvolvi żgħażagħ marġinalizzati f'koperazzjoni intersettorjali fl-iżvilupp t'azzjonijiet konġunti lejn soċjetà aktar ġusta u futur ekoloġiku aktar ġust.

Permezz ta' dan il-proġett, FoEM qed twaqqaf hub għaż-żgħażagħ b'mod konġunt mal-imsieħba tal-proġett Generation (Change)?. Il-hub taż-żgħażagħ hija post ta' edukazzjoni mhux formali fi ħdan qafas edukattiv formali. Hi toffri ambjent rikreattiv li fih il-ħaddiem żagħżugħ jista' jaħdem ma' żgħażagħ oħrajn sabiex joħorġu b'ideat għal proġetti u inizjattivi li jistgħu jżidu l-potenzjali tagħhom. Il-hub taż-żgħażagħ tinvolvi wkoll attivitajiet varji tal-komunità li jiżguraw kuntatt kemm jista' jkun possibbli maż-żgħażagħ u l-komunità.

**Commented [JF1]:** This is how it was in the original. I presume it needs to be changed.

ATTIVITAJIET

Hub taż-żgħażagħ jista' jiġu meqjus bħala mikrokożmu tas-soċjetà. Iż-żgħażagħ involuti joħolqu l-aġenda tagħhom, struttura demokratika, jiffurmaw l-ispazju bħala wieħed inklussiv, jaffaċċjaw inġustizzji, kwistjonijiet intersezzjonali fi ħdan il-grupp innifsu, u jservi fl-istess waqt t'esperiment ta' demokrazija radikali. Il-ħolqien ta' hub taż-żgħażagħ, li huwa spazju fejn iż-żgħażagħ jiltaqgħu u jkunu attivi, jista' jservi wkoll ta' inkubatur għall-iżvilupp ta' viżjonijiet għal futur pożittiv mingħajr l-ostakli, l-oppressjonijiet, u l-limitazzjoni soċjali attwali, u anke joħolqu viżjoni għall-futur li tittraxxendihom.

IMPATT

Wara li sar studju ta' fattibbiltà, l-isħab sabu li ċentru taż-żgħażagħ ikun jiffunzjona bħala faċilità reġjonali għall-iżvilupp kulturali taż-żgħażagħ u jipprovdi faċilitajiet xierqa edukattivi u rikreattivi għall-komunità kollha, speċjalment għaż-żgħażagħ.

friends of the earth malta · iED · RESET · réseau tandemplus · Education Agency for Development and Innovation IDEA · SOCIAL ENTERPRISES

Dan il-hub taż-żgħażagħ joffri appoġġ u spazji alternattivi ta' divertiment, fejn iż-żgħażagħ ta' bejn is-16 u 25 sena jistgħu jqattgħu l-ħin liberu tagħhom jinteraġġixxu ma' pari tagħhom f'ambjent sigur, jesploraw it-talenti tagħhom, u jiżviluppaw ħiliet personali, politiċi, u soċjali. Il-hub taż-żgħażagħ ilu jopera darba fil-ġimgħa għal aktar minn sena, b'grupp ta' madwar 15-20 żagħżugħ/a, u dejjem qed jespandi.

RITRATTI



QAFAS ĠENERALI / DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA

Dan il-proġett jimmira li jrawwem parteċipazzjoni ċivika fost żgħażagħ ta' taħt il-25 sena f'Malta. Perċezzjoni mifruxa li hemm nuqqas ta' parteċipazzjoni miż-żgħażagħ fil-komunità ambjentali wasslet għall-ħolqien ta' dan il-proġett hands-on li jiffoka fuq l-organizzazzjoni ta' attivitajiet prattiċi fejn iż-żgħażagħ jistgħu jitgħallmu dwar suġġetti ambjentali differenti, filwaqt li jsiru aktar attivi.

ATTIVITAJIET

Żgħażagħ ta' taħt il-25 sena ġew mistiedna biex jieħdu sehem f'diversi attivitajiet, "mil-pajsaġġ tal-baħar tal-kosta Maltija u d-dinja moħbija tad-dinja tal-mammiferi li jtiru, sad-drawwiet u l-ħsejjes tan-naħal hekk kif nesploraw id-diversità tal-approċċi biex nipproteġu l-pjaneta tagħna." FoEM ospitat sitt sessjonijiet għal żgħażagħ sabiex tforni parteċipazzjoni f'varjetà ta' kwistjonijiet ambjentali speċifiċi għal Malta u l-bqija tad-dinja. Żgħażagħ f'Malta ġew mistiedna biex jibqgħu attenti u jinkitbu għas-sessjonijiet li jinteressawhom sabiex jitgħallmu kif jistgħu jappoġġjaw interventi biex issir bidla biex tissalvagwardja l-pjaneta.

IMPATT

Gruppi differenti ta' żgħażagħ ħadu sehem f'sitt attivitajiet fejn tgħallmu dwar suġġetti relevanti ambjentali kif ukoll involvew ruħhom fil-komunità ambjentali ta' Malta. Wara, xi wħud minnhom ingħaqdu ma' inizjattivi ambjentali, u b'hekk tejbu l-parteċipazzjoni ċivika taż-żgħażagħ f'din il-gżira fir-rigward tas-suġġett ta' sostenibbiltà ambjentali.

RITRATTI

**REFERENZI**

Commented [JF2]: Double 'f' in the original English, should be amended.

*"Nature And Social Permaculture Learning for Youth (NASPLY)"*
https://foemalta.org/projects/nasply-2/

*"Youth Engagement & Activism Hub (YEAH!)"*
https://foemalta.org/previousprojects/yeah/

*"Be Active: Be Sustainable Malta"*
https://foemalta.org/projects/be-active/

Co-funded by the European Union

youthIES

**Sħab:**

friends of the earth malta

iED

RESET

réseau tandemplus

Education Agency for Development and Innovation IDEA

SOCIAL ENTERPRISES

DIKJARAZZJONI TA' RINUNZJA: Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir minn l-informazzjoni li tinsab fiha [Numru tal-proġett: 2022-2-FR02-KA220-YOU-000099414]